Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAS- SITT LAQGĦA TAT- TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** It-Tnejn, 10 ta' Awwissu 2015

**Ħin:** Mill-8.35am sat-11.35am

**Prezenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal- Ħames laqgħa ta' nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2015. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li r-refreshing fi Triq Birbal minn Transport Malta baqa' ma sarx. Is-Sindku qal li hemm preokkupazzjoni mir-residenti ta' din it-triq li jekk dawn jibqaw ma jsirux ser jinqala' xi inċident ikraħ b'sogru ta' kawza l-Qorti. Waqt il-laqgħa tar-Reġjuni huwa qajjem dan il-punt u huwa ġie mgħarraf li l-interpretazzjoni tal-liġi tgħid li allavolja din it-triq taqa' taħt il-kompitu ta' Transport Malta, mhux ġustifikat jekk jinqala' inċident u jibqa' responsabbli il-Kunsill għaliex aħna konna nafu bil-problema u ma ħadniex azzjoni.

Il-Viċi Sindku Andre' Grech ħareġ bil-proposta li fi Triq Birbal jiġu installati *speed cameras* kif ukoll f' Old Railway Road.

Il- Kunsill filwaqt li qabel li bħala Kunsill għandna niktbu lir- Reġjun Ċentrali bil-proposta tal-Viċi Sindku jekk ix-xogħol jibqa' ma jsirx dan ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru u nibgħatu ninfurmaw lil Transport Malta li fin-nuqqas u responsabbilta' tagħhom, il-Kunsill kien kostrett li jagħmilhom hu biex b'hekk jiġi evitat xi inċident fatali.

Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda id-deċizjoni tal- Qorti fuq il- mandat li sar mill-Avukat Dr. R. Farrugia biex jitneħħa jew jitpoġġa aktar l-isfel fi Sqaq Nru 1, Triq Il-Kbira.

Il-Kunsill ddeċieda li l-lanterna in kwestjoni għandha titwaħħal aktar l'isfel fit-triq biex filwaqt li nneħħu l-inkonvenjent lir- rikorrenti, ir-residenti ta' dan l-isqaq jibqaw igawdu id-dawl tat-triq.

Is- Segretarju Ezekuttiv infurma lill-Kunsill li x-xogħlijiet fuq il-bankina mill-ħaddiema tal-Kunsill fi Triq Idmejda ser jibdew nhar l- Erbgħa, 12 ta' Awwissu 2015.

Is- Segretarju Ezekuttiv infurma lill-Kunsill li d-doggie bins madwar il-likalita' twaħħlu. Huwa qal li madwar il-lokalita hawn 21 doggie bin installati.

## 3. <u>Proposti ta' Imaniġġjar tat-Traffiku</u>

Prezenti għal-laqgħa tal-Kunsill kien hawn is- Sur Malcolm Cachia fejn ta prezentazzjoni dettaljata fuq proposti ta' imaniġġjar tat-traffiku fil-lokalita' ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill talab lis- Sur Cachia biex jibgħat dawn il-proposti lill- Kunsill biex jiġu diskussi aktar 'l quddiem fid-dettal.

## 4. <u>Komunikazzjoni tas-Sindku u l-Kunsilliera</u>

### <u>Sindku Dr. Ian Spiteri</u>

Huwa informa lill-Kunsill li attenda tar-Reġjuni fejn ġie infurmat li l-fondi li qed jingħataw mill- arretrati tal-*parking tickets*, jekk ikunu ser jintefqu iridu jkun marbuta ma' xi proġett u għandha tingħata l-informazzjoni minn qabel tal-proġetti li ser isiru.

Is-Sindku Dr. Spiteri infurma lill-Kunsill li huwa tkellem mal-Hospice Movement fuq il-problema tal-vannijiet tagħhom li qed jieħdu parking spaces tar-residenti. Huwa talab lis- Segretarju biex jikteb lil General Manager u jinfurmaħ biex jieħu l-azzjonijiet necessarji biex jindirizza din il-problema u jipparjaw fir-reserved area tagħhom.

Is-Sindku Dr. I. Spiteri qal li kellmuh tar-residenza Merħba Bik fi Triq Birbal fejn infurmawh li ser jagħmlu proġett zgħir fil-ġnien li jagħti għar-residenza tagħhom fejn fosthom ser isir parking area ġewwa l-propjeta tagħhom. Huma talbu għal għajnuna tal-Kunsill biex isir xi xogħol infrastrutturali. Huwa infurmhom li bħala Kunsill ma tistax tingħata din it-tip ta' xogħol f'propjeta' privata.

Huwa infurma lill-Kunsill li l-*final draft* tal-kirja għal post ġdid tal-Kunsill ġie konkluz. Huwa poġġa fuq il-mejda kopja ta' dan l-agreement

Is- Sindku tkellem fuq il-qsari li ġew installati quddiem Kola Store. Xi nies avviċinawh u oġġezzjonaw miegħu għal dawn il-qsari għaliex skond huma għandhom ittra f'idejhom fejn tgħid li kienet ittieħdet deċizjoni li fejn hemm il-pjanti kellha issir *unloading bay* u ittra mingħand Transport Malta li hija prerogattiva tal-Kunsill jaċċettax li fuq bankina ssirx parking bay jew le.

### <u>Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara</u>

Huwa tkellem fuq l-organizazzjoni ta' taħdita ġewwa il-lokalita' dwar il-bzonnijiet ta' l-anzjani fil-lokalita fejn din l-attivita' ser issir nhar l-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2015 fis-6pm ġewwa is- Sala San Gabriel. Huma qed jitolbu € 150 għal kiri tas-sala. Il-Kunsill approva din il-kirja.

Tressqet talba tas- Sinjura Mangion biex titwaħħal tabella tad-disabled fi Triq Il-Kbira faċċata tal- post li jintuza mill-Kunsill bħala store. Il-Kunsill approva.

Huwa staqsa jekk twaħħlietx in-Notice Board fi Wesgħa Profs Aquilina. Is- Segretarju Ezekuttiv wieġeb fil-posittiv.
.

**Il-Kunsillier Joe Galea**

Il-Kunsill ġie infurmat li ser issir press conference nhar is- Sibt, 17 ta' Ottubru 2015 ġewwa Casa Antonia fuq it-twaqqif ta' għaqda ġdida taħt il-patroċinju tal-Kunsill bl-isem " Ħbieb il-Ġonna".

## 5. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 5040:** Residenta li toqgħod fi Triq Il-Kannizzata ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li qed ikun hemm diversi kazi ta' vandalizmu fuq il-karozzi u li għandhom jitwaħħlu CCTV cameras.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara qal li kemm il-darba saħaq li f'dik l-area hemm fuq għandu jkun hemm aktar infurzar għaliex l-abbuzi fit-toroq qed ikunu frekwenti.

**Ittra Nru 5069**: Is- Segretarju Ezekuttiv infurma lill-Kunsill li t-tiġdid tal- Identity Cards ġewwa Ħal Balzan ser isiru ġewwa l-iskola primarja ta' Ħal Lija bejn it- 12 u d 19 ta' Settembru 2015.

**Ittra Nru 5090** : Talba mingħand is- Sur Cordina biex il-Kunsill jagħmel tip ta' embellishment fi Triq Antonio Bosio.

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-16ta' Lulju 2015 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 21,245.83

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea li kien issekondat mill-Viċi Sindku Andre' Grech. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 7. Tqegħid ta' dokumenti u rapporti

***Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet***

***Quot.- BLCQ 1/15- Doggie Bins***

Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda l-kwotazzjonijiet mitfugħa fuq xiri ta' ħmistax (15) il-doggie bins u installar f'diversi toroq ġewwa r-raħal. Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-offerta ta' Anton Zarb għall-prezz totali ta' € 2000.10 peress li huma ta' kwalita tajba u prezz raġonevoli.

***<u>Aġġudikazzjoni ta' Offerti</u>***

***BLC 2/15- Ġbir ta' Skart Goff***

Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill kien iddeċieda li jieħu parir legali peress li fuq l-irħas offerta kienu nħarġu zewġ *default notices* bil-possibilita' li tingħata lit-tieni l-irħas offerta.

Il-parir li ngħata kien li jekk isir hekk, il-possibilita' tezisti li jsir appell u jinħela ħafna zmien.

Għalhekk il-Kunsill approva li dan it-tender jingħata lil Dimbros Ltd li kienet l-irħas offerta bi prova għal tlett xhur. F' kaz ta' l-ewwel ilment li jidħol, minnufih il-kuntratt jiġi mitmum u jingħata lit-tieni l-irħas offerta.

**Għeluq:** Il-laqgħa kellha tiġi aġġornata għal nhar il- Ħamis 1 ta' Settembru 2015 fil-5pm peress li kienu għaddew tlett(3) siegħat skond kif stipulat fil-liġi tal-Kunsilli lokali .

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data